# S. Agata - Patruna ta' Malta

**Illum il-Knisja tiċċelebra l-festa ta' Sant'Agata: għalhekk tħajjart nitkellem magħkom dwar din il-Qaddisa u r-rabta ta' Gżiritna magħha.**

**Nibdew biex ngħidu xi ħaġa żgħira; dak li naqraw dwarha fuq il-Brevjar. Kienet xbejba li sofriet il-Martirju f'Katanja, aktarx fis-sena 251, matul il-persekuzzjoni tal-Imperatur Deċju. S. Metodju, Isqof Sqalli, igħidilna li l-kelma Agata tfisser tajba u Sant'Agata kienet tajba mhux biss fl-isem iżda wkoll fl-għemil u, għalhekk, jissokta igħid dak l-Isqof, isimha jiġbdek u għemilha jgħallmek.**

## Minn Mons. Prof. A. Bonnici

TRADIZZJONI QADIMA

Il-Knisja sa mill-qedem nett, kellha qima lejha u daħħlet isimha fil-Kanoni tal-Quddiesa flimkien mal-Qaddisin ewlenin tagħha. Il-Maltin ħassew id-dmir li jantruha bħala waħda mill-Patruni tal-Gżira.

Tradizzjoni, ma nafx kemm hi minnha, tgħid li Sant'Agata ġiet hawn Malta flimkien ma' ommha biex teħles mill-kefrija tal-Pretur Kwinzjanu. Dwar hekk ma għandna ebda dokument qadim jew prova serja.

B'dana kollu aħna nafu ... ma nistgħu ngħidu għaliex li f'Malta, sa mill-qedem, kien hawn qima lejn din il-Qaddisa. Dan juriħ biċ-ċar l-isem tal-katakombi qadim li hemm fir-Rabat, fl-inħawi imsejħin "Ta' Ħal-Bajjada", li jġib l-isem tal-Qaddisa.

L-istoriku Malti Gian Franġisku Abela jirrakonta li, fl-1551, it-Torok ħebbu għal Malta u kienu waslu biex jaħbtu għall-Imdina. Il-Maltin ta' dik il-Belt ġarrew l-istatwa ta' Sant'Agata li kien hemm fil-knisja fuq il-Katakombi u qegħduha bħala għassiesa fuq is-swar. It-Torok sparaw kemm il-darba fuqha matul il-jum kollu, iżda ma laqtuha ebda darba. Fl-aħħar qatgħu qalbhom u reġgħu lura għax-xwieni tagħhom u qabdu t-triq tal-baħar. Dil-ġrajja kien ġa rrakkontaha l-istoriku tal-Ordni Gerosolmitan G. Bosio. Il-Maltin baqgħu grati lejn il-Qaddisa.

Monsinjur Pietru Dusina, fl-atti tal-Viżta Appostolika li għamel fl-1575, jitħaddet dwar id-devozzjoni li l-Maltin kellhom lejn Sant'Agata. Fil-festa tagħha, għadd kbir ta' nies kienu jinġabru ġewwa u madwar dik il-knisja tar-Rabat. Lejliet il-festa, ħafna kienu jsumu u jmorru jishru hemmhekk. Minħabba fl-abbużi li bil-mod il-mod daħlu f'dik is-sahra, Monsinjur Dusina ordna li titwaqqaf dik id-drawwa.

Imma sal-ġurnata tal-lum il-Kapitlu tal-Katidral, nhar il-festa jitlaq proċessjonalment mill-Knisja tiegħu fl-Imdina għall-Knisja ta' Sant'Agata, ħdejn il-katakombi fir-Rabat u meta jasal hemm titqaddes Quddiesa Kantata u jitkanta "Te Deum". Għal din il-Quddiesa, fil-qedem, igħidilna l-Abela, kien jattendi l-Maġistrat tal-Imdina u kien iqassam legati taż-żwieġ lil xi xebbiet.

KATAKOMBI NISRANI U OĦRAJN LHUDIN

Semmejna l-Katakombi ta' Sant'Agata. Dan huwa ċimiterju fl-inħawi ta' Ħal-Bajjada; wieħed mill-akbar li għandna f'Malta. Ma nistgħux fiċ-ċokon ta' dan l-artiklu ngħidu ħafna fuqu. Ngħidu biss li dan iċ-ċimiterju taħt l-art, kbir xi 44,000 pied kwadru, fih diversi sura ta' oqbra u numru sabiħ ta' mwejjed tal-hekk imsejħa "agape", jew ikla ta' aħwa bejn l-insara tal-ewwel żminijiet tal-Knisja.

Fost il-ftit affreski, jew pitturi mal-ħitan tiegħu, li m'għandniex bħalhom fil-katakombijiet l-oħra ta' Malta, hemm wieħed li fih skrizzjoni bil-Grieg u fiha l-isem ta' Leonias. Maġenbha hemm qabar b'żewg għasafar u disinn fuq barra, b'żewg girlandi fuq in-naħa ta' ġewwa u iżjed 'il ġewwa arzella tonda li fiha jidher impitter pagun bid-denb miftuħ, b'salib aħmar fin-nofs, żewg ħamimiet u xi fjuri.

Mgħaqqdin ma' dak il-katakombi nisrani hemm ż e w g katakombi oħra Lhudin, li fihom xi skrizzjonijiet mnaqqxin fil-blat. Zewg oqbra puniċi jinsabu mħaffra, wieħed fil-katakombi nisrani u ieħor f'dak Lhudi.

(Ikompli fil-paġna 11)

# S, Agata - Patruna ta' Malta

(Jaqbad mill-pagna 3)

## IL-KRIPTA TA' SANT'AGATA

Qabel tidhol fil-katakombi tinżel minn ftit targiet u tgħaddi minn kripta, jew kappella ċkejkna taħt l-art. L-istoriku Abela jsemmi din il-kripta u jgħid li mal-ħitan tagħha jidhru mpittrin fuq il-blat xbihat tal-qaddisa Sant' Agta u ta' qaddisin oħra u fl-istess ħitan hemm imnaqqxin slaleb, li aktarx huma sinjal tal-konsagrazzjoni ta' dik il-kappella.

Fuq l-artal, ħiereg millblat, wieħed jara statwa żgħira ta' rħam abjad fin, li turi l-martirju ta' Sant' Agta. Akille Ferris kiteb li din l-istatwa tal-alabastru ngħatat lill-knisja mill-Isqof Luka Buenos (1666-68).

Barra u fuq il-kripta hemm knisja li, kif tgħid skrizzjoni fuq irħama li kien hemm magħha, bdiet tinbena fil-25 ta' Lulju 1504 a spejjeż ta' nies twajba u giet iddedikata lil S. Agta, vergni u martri. Fl-1670, dik il-kappella tkabbret u ssebħet aktar. Dan l-aħħar regghet tkabbret u sarulha ħitan godda, u ftit għad baqa' mill-knisja l-qadima. Zdieditilha wkoll kappella fil-genb.

L-iskrizzjoni li semmejna tneħħiet minn postha u twaħħlet għal xi żmien massagristija. Illum, hemm l-istess skrizzjoni mnaqqxa filgebel u l-iskrizzjoni fuq l-irħama ser tigi konservata fil-Mużew li qed jitlesta filkunvent u li żgur ikun ta' interess kbir arkeologiku. Nawgurawlhom.

## KNEJJES OHRA LIL SANT' AGATA

Fil-Viżta Appostolika tiegħu Mons. Dusina żar 9 knejjes iddedikati lil Sant' Agta. Dawn kienu fl-Imdina, fir-Rabat, fin-Naxxar, f'Birkirkara, Hal-Lija, f'Hal-Safi, f'Haż-Żabbar, f'Benghisa (maż-Zurrieq) u f'Hal Xluq (fl-inħawi tas-Siggiewi).

M'għandniex spazju biex nitkellmu dwar kull waħda minn dawn il-knejjes żgħar. Ngħidu xi ħaga dwar dik ta' l-Imdina. Din twaqqfet fl-1417 min-nobbli Malti Frangisku Gatto wara x-xewqa ta' martu il-gentildonna Pawla de' Castelli, li kienet gejja minn familja Kataniża. Tinsewx li Sant' Agta kienet minn Katanja. Skrizzjoni b'karattri gotiċi tfakkar dan il-bini tal-knisja, li giet immiljorata fuq id-disinn talarkitett Lorenzu Gafa', a spejjeż tad-Dekan Adrijanu Bonnici u mbierka mill-Arċidjaknu Gio Antonju Cauchi fl-1695. Il-kwadru ta' fuq l-artal huwa xogħol tal-pittur Gużeppi Arena.

Illum, mal-katakombi u l-kripta ta' Sant' Agta, għandna mgħaqqda istituzzjoni ta' fejda kbira. Irrid ingħid is-Soċjeta' Missjunarja ta' San Pawl.

Kien fis-sena 1920 li Mons. Gużeppi Depiro, Kanonku Dekan tal-Katidral, bniedem nobbli mhux biss fid-demm, iżda w k o l l f'għemilu, waqqaf dik is-Soċjeta' bil-ħsieb li trawwem qassisin missjunarji u tibgħathom jaqdu dmirijiet spiritwali f'artijiet imbegħda, speċjalment fost l-emigranti Maltin. Bi flusu u blgħajnuna generuża ta' benefatturi oħra nbena kunvent l-aktar kbir u sabieħ. Mhux ta' b'xejn dawk ir-religjużi gabru l-fdal tal-organizzatur u benefattur kbir tagħhom u difnuhom go kripta sempliċi u nadifa mal-knisja.

## DEJJEM TIKBER U TINXTERED

Is-Soċjeta' imwaqqfa kanonikament fl-14 ta' Novembru 1921, saret kongregazzjoni religjuża pontifiċja bittitlu ta' "Soċjeta' Maltija tà San Pawl Appostlu għall-Missjonijiet" fis-sena 1973.

L-għadd tal-qassisin li trawmu fiha beda jikber minn sena għal oħra u l-ħidma missjunarja tagħhom bdiet tinxtered u toktor. Illum, is-Soċjeta' għandha 30 qassis missjunarju mxerrdin fl-Awstralja, fil-Kanada u l-Peru'. Hawn Malta hawn mal-20 qassis ieħor u mal-40 studenti u fratelli, li barra mid-Dar ta' Sant' Agta, jieħdu ħsieb id-Dar ta' San Gużepp, il-Hamrun, Oratorju festiv f'Birkirkara u novizzjat f'Għawdex. Imexxu wkoll kullegg tagħhom, magħruf l-aktar, l-ewwelnett, għax it-tfal li jattendu ma jħallsu ebda ħabba għattagħlim li jieħdu, u, fit-tieni lok, għax sar wieħed mill-aħjar kulleggi li għandna fi gżiritna. U għalhekk hu ta' min jinkoraggieh. Zgur li Sant' Agta u Mons. Depiro jieħdu gost b'kull xorta ta' għajnuna li nagħtuhom.